

## IMMANIĠJAR TAT-TRAFFIKU WAQT IL-ĦINIJIET TA' DĦUL U ĦRUĠ TAT-TFAL MILL-ISKOLA PRIMARJA TA' L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb qed jimplimenta mmaniġjar tat-traffiku għal waqt il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola primarja. Din is-sistema qegħda tiġi mplimentata sabiex ikun hawn aktar sigurta' għat-tfal kif ukoll sabiex it-traffiku jibqa' għaddej mingħajr problemi. Għaldaqstant qed nitolbu l-koperazzjoni ta' kulħadd.

- Ebda' dħul fi Triq il-Viżitazzjoni minn fejn il-Bring-in-Sites bejn it-8.00am - 8.30am u bejn is-2.15am u 2.45pm (Xitwa) u mit-8.00am - 8.30am u 12.00pm – 12.30pm (Fis-Sajf)
- Ebda' dħul għal Triq l-Arċipriet Ġ. Camilleri minn Triq il-Viżitazzjoni bejn it-8.00am - 8.30am u bejn is-2.15am u 2.45pm (Xitwa) u mit-8.00am - 8.30am u 12.00pm – 12.30pm (Fis-Sajf)
- Ebda' dħul għal Triq il-Kan. F. Mangion minn Triq Karmni Grima bejn it-8.00am - 8.30am u bejn is-2.15am u 2.45pm (Xitwa) u mit-8.00am - 8.30am u 12.00pm – 12.30pm (Fis-Sajf)
- Dħul fi Triq il-Viżitazzjoni minn Triq il-Knisja sal-barrier ta' l-Iskola u devjazzjoni għal Triq il-Kan. F. Mangion, Triq Karmni Grima, Triq l-Arċipriet Ġ. Camilleri u Triq il-Viżitazzjoni.
- Il-Pjanta fuq in-naħa ta' wara qegħda tindika t-traffiku kif deskritt hawn fuq. F'każ ta' diffikulta' wieħed jista' jikkuntatja lill-Kunsill għal aktar tagħrif.

## *TRAFFIC MANAGEMENT DURING SCHOOL OPENING AND CLOSING HOURS FOR GĦARB PRIMARY SCHOOL*

*L-Għarb Local Council is implementing new traffic management scheme during the opening and closing of the Għarb Primary School. This system is being implemented for the safety of the children and to have a flowing traffic without problems. For this reason, we are kindly asking everyone's co-operation.*

- *No access to Visitation Street (near bring-in-sites) from 8.00am to 8.30am and from 2.15pm to 2.45pm (Winter) and from 8.00am to 8.30am and from 12.00pm to 12.30pm (Summer).*
- *No access to Arċipriet Ġ. Camilleri Street from Visitation Street from 8.00am to 8.30am and from 2.15pm to 2.45pm (Winter) and from 8.00am to 8.30am and from 12.00pm to 12.30pm (Summer).*
- *No access to Can F. Mangion Street from Karmni Grima Street from 8.00am to 8.30am and from 2.15pm to 2.45pm (Winter) and from 8.00am to 8.30am and from 12.00pm to 12.30pm (Summer).*
- *Access to Visitation Street from Church Street up to school barrier or divert to Can F. Mangion Street.*
- *The Site plan at the back of this leaflet is indicating the flow of traffic as described above. In case of any difficulties please contact l-Għarb Local Council for more information.*




### TQASSIM TA' MASKRI LIR-RESIDENTI

Fil-jiem li ġejjin il-Kunsill ser ikun qiegħed iqassam maskri lir-residenti bieb bieb. Kemm 'il darba r-resident ma jinstabx id-dar ser jiġi mpustat avviż biex b'hekk ikunu jistgħu jiġbru l-maskri rispettivi tagħhom mill-Kunsill Lokali billi jippreżentaw l-avviż.

### *DISTRIBUTION OF FACE MASKS*

*In the coming days the Council will be distributing face masks door to door. A notification will be posted if the residents are not found at home so that they could come to the Local Council to pick up the face masks upon presentation of the notification.*







Vol. 9 – Settembru 2020 – No 4 Fuljett ta' informazzjoni maħrug mill-Kunsill Lokali ta' l-Għarb

*Vol. 9 – September 2020 – No 4* *Information leaflet published by l-Għarb Local Council*


### JUM L-GĦARB 2020

Din is-sena Jum l-lokalita' ġie ċċelebrat nhar id-29 ta' Awwissu b'mod differenti u bi programm imnaqqas. Iċ-Ċelebrazzjoni bdiet bit-tqegħid ta' kuruni quddiem il-Monument tal-Isqof M. Molina waqt id-daqq tal-Innu tal-Għarb. Iċ-ċelebrazzjoni ġiet segwita b'quddiesa ta' ringrazzjament u l-għoti ta' rikonoxximenti u premji ġewwa l-Knisja Bażilika u Kolleġjata tal-Għarb. Bħal kull sena ġew mogħtija diversi premijiet u rikonoxximenti. Premju Qlub Ġenerużi gie mogħti lil Maximunus Cauchi, Personal Achievement Award lil Mario

### *GĦARB DAY 2020*

*On the 29th August, the Council celebrated Għarb Day with a difference which included only a short programme. The evening started with the laying of wreaths infront of the monument of Bishop M. G. Molina during the playing of Għarb anthem. Recognitions and awards were also presented that included 'Premju Qlub Ġenerużi' to Maximinius Cauchi, 'Premju Volontarjat Lokali' to Matthew Theuma, Għarb Gozitan Cultural Award to Manuel Farrugia and Personal Achievement Award to Mario Cauchi. This year Premju Ġieħ*






inPrintMalta - Għarb - 7701 6000



**Ikkuntattjana / Contacts: L-Għarb Local Council**
**Indirizz postali / *Postal address*:** L-Għarb Local Council, Visitation Street, L-Għarb, Gozo GRB 1044
**Indirizz tal-emejl / *Email address*:** gharb.lc@gov.mt • **Websajt / *Website*:** www.gharbnet.com
**Ċempel servizz 24h / *Telephone 24h service*:** 21560556 • **Facebook:** Gharb Local Council







Cauchi, Premju Volontarjat Lokali lil Matthew Theuma u Għarb Gozitan Cultural Award lil Manuel Farrugia. Premju Ġieħ l-Għarb din is-sena ingħata lill-Fronliners residenti l-Għarb li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, fil-Korp tal-Pulizija, Forzi Armata ta' Malta u Protezzjoni Ċivili. Waqt l-okkażjoni s-Sindku ta l-messaġġ tiegħu kif ukoll ġie preżentat bl-ewwel AED iffinanzjata mill-Għaqda Ħbieb tal-Morda u l-Anzjani f'Għawdex u tas-Sur Paul Zammit. Din l-AED se tkun installata fil-jiem li ġejjin.

*l-Għarb was presented to all the frontliners from Għarb, those who work in the Health department, Police department, Armed forces of Malta and Civil Protection Department. During the evening the Mayor delivered his speech and was also presented with the first AED which was financed by the Friends of the Sick and the elderly Association in Gozo and Mr. Paul Zammit also contributed financially. This AED will be installed in the coming days.*







## EUROPEAN MOBILITY WEEK 2020

Il-Kunsill Lokali l-Għarb, qiegħed għal sena oħra jieħu inizjattiva biex tiġi organizzata l-European Mobility Week bit-tema 'Zero-emission mobility for all'. Peress li qegħdin f'din is-sitwazzjoni din is-sena l-programm se jkun b'inqas attivitajiet. Din is-sena reġgħet ġiet organizzata l-attivita' ta' 'Dining Al Fresco' mir-ristoranti Il-Kunvent Restuarant, Iċ-Ċentru Bar and Restaurant u Għarb Rangers Bar and Restaurant. Waqt is-serata ġie provdut live music.

Wara r-rizultat ta' survey li sar matul il-European Mobility Week 2017 fejn saret zebra crossing temporanja, il-Kunsill reġa' applika taħt din l-iskema tal-European Mobility Week 2020 biex issir permanenti magenb iz-zuntier bejn il-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna u Triq il-Madonna tal-Virtut.

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

tm
Transport Malta

## *EUROPEAN MOBILITY WEEK 2020*

*For this year l-Għarb Local Council is once again taking part in the European Mobility Week 2020 'Zero-emission mobility for all'. Due to the current situation this year's activities will be limited. 'Dining al Fresco' was also part of this year's activities. It was offered by Il-Kunvent Restaurant, Iċ-Ċentru Bar & Restaurant and Għarb Rangers Bar & Restaurant. Live music was also offered during this event.*

*As a result of the survey for the installation of a zebra crossing next to the Church as part of the European Mobility Week 2017, the Council applied again this year to install this zebra crossing on a permanent basis.*

# AVVIZI – Notice Board

## ĠBIR TA' SKART

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jixtieq jinforma li s-servizz tal-ġbir tal-borża s-sewda kull nhar ta' Sibt ser jiġi estiż matul ix-xahar ta' Ottubru. L-iskeda tax-Xitwa ser tibda' mit-Tnejn 2 ta' Novembru. Il-Kunsill jitlob il-koperazzjoni tar-residenti biex l-iskart jinħareġ mhux iktar minn siegħa qabel il-ħin tal-ġbir u jitħalla quddiem ir-residenza rispettiva.

Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lis-Sidien tal-Holiday Premises tal-kollaborazzjoni tagħhom biex jiġu osservati l-liġijiet tal-ħruġ tal-iskart. B'hekk ikollna raħal nadif.

## *REFUSE COLLECTION*

*L-Għarb Local Coucnil would like to notify that the black bag refuse collection service on Saturday will be extended throughout October. Winter refuse schedule will start from Monday 2nd November. The Council request the residents' cooperation so that the refuse will be taken out not more than one hour before collection time and to be left out infront of the respective residents' houses.*

*The Council would also like to thank the holiday premises owners for cooperating with the Council. It is of vital importance that the refuse collection regulations are observed so that we will have a clean village.*

## *Skeda tas-Sajf / Summer Schedule*




## *Skeda tax-Xitwa / Winter Schedule*

**Skeda ta' Gbir ta' Skart ghax-xhur tax-Xitwa mit-2 ta' Novembru /** *Winter Refuse Collection Schedule from 2nd November*

Il-Kunsill jigbed l-attenzjoni sabiex fejn hemm skart mormi illegalment wiehed huma mitlub icempel fuq 21560556 (24 siegha)

*The Council would like to draw the attention that illegally dumped refuse should be reported on 21560556 (24hrs)*




## ĦINIJIET TAL-FTUĦ TAL-KUNSILL LOKALI U LIBRERIJA LOKALI GĦAX-XITWA

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jixtieq javza li mill-1 ta' Ottubru, l-Kunsill Lokali ser ikun miftuħ mit-Tnejn sal-Gimgħa bejn it-8am u 3pm u s-Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am filwaqt li l-librerija lokali ser tkun miftuħa kull nhar ta' Tlieta mit-8.30am san-12.30pm u kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.00am.

## *OPENING HOURS GĦARB COUNCIL AND LOCAL LIBRARY FOR WINTER*

*L-Għarb Local Council would like to notify that as from 1st of October, the Council offices will resume the Winter Schedule opening hours. From Monday to Friday between 8.00am and 3.00pm and on Saturday between 8.15am and 11.15am and the Library opens every Tuesday between 8.30am and 12.30pm and every Saturday between 8.30am and 11.00am. We encourage residents to make use of this library.*